MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 366/2009

Charles Grech & Co. Limited. (C2473).

Vs

Jumbo Catering Limited (C 30536).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ disa mija u disa ewro u erba centezmi (€909.04) minghand is-socjeta’ konvenuta rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xorb u oggetti simili u relatati, mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta f’diversi okkazjonijiet. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A numru 3248/2008 datata 6 ta’ Awissu 2008 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' disa mija u disa ewro u erba centezmi (€909.04), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------